MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 1178/2008

**Carmel Bone**

**-vs-**

**P & C Catering**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-26 ta’ Novembru 2008 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

Illi l-attur huwa proprjetarju tal-fond numru 6 magħruf bl-isem ta’ “Il-Horża” li jinsab ġewwa Triq San Kristofru, Valletta;

Illi l-attur daħal f’kuntratt ta’ kiri mas-socjeta’ kummerċjali konvenuta bis-saħħa ta’ skrittura datata 10 ta’ Settembru 2007 (Dok 1 hawn anness);

Illi *ai termini* ta’ l-istess skrittura privata s-socjeta’ kummerċjali konvenuta obbligat ruħha li tħallas kera fl-ammont ta’ Lm20 jew €46.59 kuljum kull tlett (3) xhur bil-quddiem u dan mill-10 ta’ Novembru 2007;

Illi s-soċjeta’ kummerċjali konvenuta baqgħet moruża fil-ħlas ta’ kera u ma ħallset ebda kirja sal-lum minkejja d-diversi interpellazzjonijiet lilha magħmula, inkluż żewġ interpellazzjoni formali u cioe’ l-ittra uffiċjali datata 25 ta’ Settembru 2008 u l-ittra legali tat-30 ta’ Ottubru 2008 (Doks. 2 u 3 hawn annessi);

Illi għalhekk is-soċjeta’ kummerċjali konvenuta sal-lum naqset milli tħallas ħames (5) skadenzi ta’ kera liema kera dovuta illum tlaħħaq is-somma ta’ €21,338.22 u dan kif indikat fil-prospett hawn anness (Dok. 4 hawn anness);

Illi għalhekk is-soċjeta’ kummerċjali konvenuta rrendiet ruħha ħatja ta’ inadempjement kuntrattwali li jwassal għat-terminazzjoni ta’ l-istess kuntratt ta’ kera;

Illi filwaqt li s-soċjeta’ kummerċjali għandha tkun żgumbrata mill-istess fond kif ukoll tħallas l-kera minnha dovuta *ai termini* ta’ l-istess kuntratt, l-istess soċjeta’ kummerċjali konvenuta ma għandhiex eċċezzjonijiet x’tagħti kontra t-talba għall-iżgumbrament u għall-hlas tal-kera dovuta;

Illi għalhekk hu l-każ illi din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi t-talba bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża a tenur ta’ l-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Tgħid għalhekk is-soċjeta’ kummerċjali konvenuta għaliex għar-raġunijiet suesposti m’għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tgħaddi għas-sentenza bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża a tenur ta’ l-artikolu 167(1) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Tiddikjara l-kuntratt ta’ kiri tterminat minħabba l-inadempjenza tas-soċjeta’ kummerċjali konvenuta;

3. Tistabbilixxi żmien qasir u perentorju sabiex l-istess soċjeta’ kummerċjali konvenuta tiġi żgumbrata mill-fond 6, Triq San Kristofru, Valletta u l-pussess effettiv jgħaddi f’idejn l-attur;

4. Tikkundanna lis-soċjeta’ kummerċjali konvenuta tħallas lill-attur s-somma kumplessiva ta’ wieħed u għoxrin elf tlett mija tmienja u tletin Ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€21,338.22) rappreżentanti l-iskadenzi ta’ kera dovuta għall-istess fond, flimkien ma’ l-imgħaxijiet legali mid-data ta’ kull skadenza ta’ kera.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta’ kummerċjali konvenuta, inkluż dawk ta’ l-ittri uffiċjali tal-25 ta’ Settembru 2008 u l-ittra legali datata 30 ta’ Ottubru 2008, li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-digriet tal-lum stess minn fejn jirriżulta li l-konvenuta ma dehrux għas-seduta u l-kawża ġiet posposta għas-sentenza.

**Għaldaqstant il-Qorti tilqa’ t-talbiet kollha attriċi; għall-fini tat-tielet talba tipprefiġġi terminu ta’ tlett xhur.**

**Spejjeż a kariku tad-ditta konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------